# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Digriet Finali**

**Illum, 18 ta' Ottubru 2021.**

**Mandat t'Inib. Nru 179/2021 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 179/2021 fl-ismijiet:

**Sharon Muscat**

**Vs**

**Brian Muscat**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors imressaq fit-30 ta' Settembru 2021 minn Sharon Muscat li permezz tiegħu, u għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob li l-Qorti iżżomm lill-intimat Brian Muscat milli jbiegħ jew b'mod ieħor jiddisponi mill-vetturi li ġew elenkati f'dokument anness mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Brian Muscat tas-7 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed jopponi għar-rikors imsemmi.

Rat id-digriet preċedenti tagħha tat-30 ta' Settembru 2021 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għall-11 ta' Ottubru 2021.

Semgħat it-testimonjanza tal-partijiet u t-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2021.

Rat li r-rikors tħalla għall-digriet kamerali.

Ikkonsidrat;

Il-partijiet għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni personali.

Waqt is-smiegħ tax-xhieda f'dik il-kawża irriżulta li hemm numru ta' vetturi li ma' l-awtorita' kompetenti huma reġistrati fuq "Medic Motors" bħala sid filwaqt li bħala 'contact person" uħud minnhom hemm l-intimat indikat u fil-kumplament hemm iben il-partijiet indikat.

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-maġġorparti ta' dawn il-vetturi jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li l-intimat jikkontendi illi dan mhux minnu u li dawn il-vetturi huma, uħud minnhom parafernali jew ta' Motor Medic u uħud minnhom ta' iben il-partijiet.

**L-Elementi Meħtieġa għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.**

Sabiex jinħareg il-mandat mitlub jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti issib li ġew sodisfatti r-rekwiziti kollha li tirrikjedi l-ligi, speċifikament dawk indikati taħt l-**Artikolu 873 tal-Kap. 12** li jipprovdi:

**"1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.**

**2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."**

Jeħtieġ għalhekk li jigu sodisfatti żewg rekwiżiti sabiex it-talba tar-rikorrenti tintlaqa':

(a) ir-rikorrenti trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u

(b) jkun jidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

Peress li l-Mandat t'Inibizzjoni huwa att kawtelatorju, u għalhekk jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu ragun fil-mertu, il-Mandat jinħareg favur dak li jidher, mad-daqqa t'għajn, li għandu jeddijiet x'jipproteġi.

Il-liġi tagħna tuża l-frażi "jidher, mad-daqqa t'għajn". Bil-kliem "mad-daqqa t'għajn" wieħed jifhem illi l-ġudikant hu tenut li jqis dak li jirriżulta prima facie u mhux wara xi indaġini approfondita bħalma jsir matul kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż,

għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva li ma tiddependiex mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd pretiż.

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiz huwiex suxxettibbli għal success fl-azzjoni fil-mertu, izda biss jekk il-jedd pretiz jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oggettivi tal-ligi.

Mhux biżżejjed li r-rikorrent turi li prima facie għandha l-jeddijiet minnha pretiżi izda wkoll li l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet; l-hekk imsejjah "periculum in mora". Fi kliem ieħor jeħtieġ li r-rikorrenti turi wkoll illi:

1. Dik il-ħaġa li r-rikorrenti qed titlob li tinżamm milli ssir "tista' tkun ta' preġudizzju" għal min jagħmel ir-rikors jekk il-mandat ma jinħariġx; u

2. Li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti.

Il-kelma "tista'" turi illi r-rikorrenti ma jeħtiġiliex tipprova b'ċertezza li ser issofri preġudizzju. Il-prova sal-livell ta' possibilta' hija suffiċjenti fl-istadju ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Ikkonsidrat;

Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza in materja għall-każ odjern jirriżulta bħala stat ta' fatt illi kważi l-vetturi kollha inxtraw wara d-data taż-żwieġ mar-rikorrenti.

L-intimat jikkontendi illi dawn il-vetturi ma humiex reġistrati fuqu iżda fuq entita' bl-isem "Motor Medic" li kienet teżisti qabel ma l-partijiet iżżewġu. Fir-rigward l-intimat eżebixxa fit-12 ta' Ottubru 2021 kopja ta' ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tal-VAT datat l-1 ta' Diċembru 1994 maħruġ fuq "Brian Muscat bħala 'sole proprietor' ta' Motor Medic" . L-intimat jikkontendi illi huwa personalment ma hu sid l-ebda waħda minn dawn il-vetturi u li s-sid hija l-entita' "Motor Medi".

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva illi ma nġabitx prova, lanqas sal-livell ta' prima facie, illi "Motor Medic" tħaddan personalita' ġuridika distinta minn dik tal-intimat. Li persuna tmur id-Dipartiment tal-VAT u tirreġistra ruħha bħala "sole proprietor" ta' neġozju bl-isem "Motor Medic" ma jagħtiex il-presunzjoni li "Motor Medic" għandha personalita' ġuridika distinta minn Brian Muscat. Jidher illi l-isem "Motor Medic" huwa l-isem tan-negozju u/jew workshop li fih l-intimat kien jaħdem bħala mechanic Fi kwalunkwe każ, dan ma hux il-forum li fih din il-vertenza għandha ssib id-deċiżżjoni finali dwarha. Tali mertu ser jiġi deċiż fil-kawża tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

Dwar il-preġudizzju li tista' ssofri r-rikorrenti jekk l-intimat jitħalla jitrasferixxi dawn il-vetturi lil terzi, il-Qorti tqis illi jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti tirriżulta fondata fil-kawża ta' separazzjoni, hija jista' jkollha dritt li fil-qasma tieħu sehemħa billi jiġu assenjati lilha numru minn dawn il-vetturi. Huwa għalhekk indikat illi mingħajr il-ħruġ tal-mandat mitlub il-jeddijiet tar-rikorrenti jistgħu jiġu serjament preġudikati.

Għaldaqstant tqis illi jirriżultaw l-estremi għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Sharon Muscat tat-30 ta' Settembru 2021 billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Brian Muscat, tilqa' l-imsemmi rikors u tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub u n-notifiki skond il-liġi.

Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza finali fil-kawża pendenti ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

**Mogħti kameralment illum 18 ta' Ottubru 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**